MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 477/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Mifsud**

Illum 14 ta' Frar, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 503455 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-15 ta' Awissu, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Maria Elena Mifsud u/jew lil uliedu is-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-
9 ta' Novembru, 2011, fejn wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fuq ammissjoni il-Qorti sabet

lill-imputat Joseph Mifsud hati u kkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2011, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti li filwaqt li tirriforma s-sentenza appellata inkwantu li tikkonferma li l-esponenti hu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tibdel il-piena inflitta fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan billi tirreduci il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ghal-wahda inqas harxa minghajr detenzjoni.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena ta' gimgha detenzjoni. Illi l-esponenti ammetta quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali illi l-manteniment ghal-perjodu indikat fic-citazzjoni fl-ammont ta' erba` mija u hamsa u sittin Ewro (€465) huwa dovut lil martu Maria Elena Mifsud u dan skond l-istess digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi jigi rilevat illi l-esponenti bl-ebda mod ma ried jonqos rispett jew li ma jobdix l-ordni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Illi hekk kif indikat l-espozizzjoni tal-fatti f'dan l-umli rikors ta' l-Appell l-esponenti ma waqafx ihallas l-manteniment lil martu b' kapricc, biex jisfida jew bhala disrispett lejn l-Awtorita` tal-Onorabbli Qorti. Illu huwa fatt li kundizzjoni fizika tal-esponenti hi wahda li tahllihx jirritorna fuq il-post tax-xoghol. Mhux biss izda kif iccertifikat mill-Professur Dr. Joe Borg, l-esponenti qed jistenna sabiex jigi sottomess ghal-intervent kirurgiku. Illi l-esponent ma baqax inadempjenti izda ha r-rimedji kollha permessi mill-ligi sabiex jirregola l-pozizzjoni tieghu f' tali cirkostanzi u ghalhekk sabiex l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tnaqqas il-manteniment dovut mill-esponenti. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma haditx dawn ic-cirkostanzi specjali u sfortunati tal-esponenti hija u taghti s-sentenza taghha meta kkundannatu ghal-gimgha

detenzjoni. Illi l-esponenti talab lil Ewwel Qorti sabiex jinghata zmien sabiex ikun jista` jhallas l-manteniment minnu dovut lil martu, liema talba l-Onorabbli Qorti irragonevolment cahdet u kkundannat lill-esponenti ghal-gimgha detenzjoni.

2. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni it-tip ta' xoghol mwettaq mill-esponenti, liema xoghol huwa ta' perikolu kontinwu ghas-sahha tal-esponenti u ghalhekk isegwi illi l-Awtorita tat-Trasport li thaddem lill-esponenti zgur mhix ser taccetta lill-esponenti lura fuq il-post tax-xoghol sakemm l-istess ikun ccertikat min tabib li huwa jista jaqdi dmiru minghajr ma zzid il-perikolu ghal-hajja u sahha tal-istess esponenti. Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta l-oppost, mhux talli l-esponenti mhux certifikat li jista` jerga jidhol lura ghax-xoghol izda l-esponenti jrid jissotoponi lilu nnifsu ghal-intervent kirurgiku b' hekk l-ewwel Onorabbli Qorti a bazi ta' ekwita kellha taghti importanza ghal dan il-fatt li l-esponenti zgur ma setax jirritorna lura fuq il-post tax-xoghol u dan mhux sempliciment b' kapricc jew b' xi motivi sabiex l-esponenti ma jahallasx il-manteniment lil martu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fat li din kienet l-ewwel darba li l-esponent gie akkuzat b' akkuza mertu ta' dan l-umli rikors t'Appell. Illi l-gurisprudenza nostrana taghti piz u tistudja l-fedina penali tal-imputat in rigward ghal-akkuzi simili ghal-dik mertu ta' dan l-appell, in fatti fis-sentenza 'il-Pulizija vs Mario Borg' datata 16 ta' Dicembru, 2003 l-Onorabbli Qorti filwaqt li cahdet l-appell tal-appellanti u kkonfermat s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti tat piz ferm important ghal-fedina penali tal-appellanti u ghal-fatt li ma kienetx l-ewwel darba li l-appellanti kien akkuzat b' akkuzi simili ghal kaz odjern. Illi jigi osservat illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li l-appellanti f'dak il-kaz kien diga` nstab hati f'okkazjonijiet precedent liema fatt ma jinkwadrax fil-kaz odjern. Illi l-esponenti qatt ma nstab hati t' akkuzi simili u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet irragonevoli fis-sentenza taghha meta naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatti li l-esponenti qatt kien akkuzat b' dawn it-tip ta' akkuzi, c-cirkustanzi specjali li

jimmerita l-kaz odjern u fuq bazi ta’ ekwita li l-esponenti ma seta jaghmel xejn aktar hlief li jintavola rikors quddiem l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn jitlob riduzzjoni tal-manteniment stante li spicca minghajr introjtu, kif fil-fatt ghamel.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi skont digriet tal-Qorti Civili sezzjoni tal-Familja l-appellant huwa obbligat li jhallas mantemiment lil martu Maria Elena Mifsud fl-ammont ta’ €465 kull hmistax. Il-manteniment kien imhallas direttament mill-paga tieghu izda peress illi f’xi zmien kien wegga’ fuq il-post tax-xoghol u peress illi ma setghax ikompli jahdem ma kellu l-ebda forma ta’ ntrojtu u waqa’ lura fil-pagamenti. Nhar id-9 ta’ Novembru, 2011 quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-appellant ammetta l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ammetta wkoll illi l-manteniment mertu ta’ l-akkuza huma dovuti izda minhabba cirkostanzi specjali tieghu illi zammewh milli jirritorna lura ghax-xoghol ma kienx f’pozizzjoni illi jhallas lil martu l-ammont indikat fic-citazzjoni. Talab lill-Qorti sabiex taghtih zmien sabiex ikun jista’ jhallas il-manteniment dovut, izda l-Qorti cahdet din it-talba u kkundannat lill-esponent ghal gimgha detenzjoni. Gara pero’ fis-seduta tal-31 ta’ Jannar, 2013 dehret il-parti leza Maira Elena Mifsud u nfurmat lill-Qorti illi propju waqt illi l-partijiet kienu qeghdin jistennew ghal din il-kawza l-appellant hallas il-flus u l-arretrati kollha dovuti skont kif indikat fic-citazzjoni.

Ikkunsidrat.

Kif qalet il-kawza deciza mill-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Anthony Saliba (15 ta’ Lulju 1998), “.... Jekk persuna ma tkunx tista’ thallas il-mantenimet ordnat anek f’kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontrovenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jagixxi tempestivament u fi zmien utli l-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tieghu konjezzjoni tal-provi,

tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni t-tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."

Ghalhekk ghall-appellant ma taghmilx differenza illi jghid illi huwa wegga' fuq ix-xoghol u naqaslu l-introjtu u ghalhekk ma kienx f'pozizzjoni li jhallas. Pero' din il-Qorti mhijiex aversa ghall-isforz illi ghamel l-appellant sabiex ihallas u sabiex jissalda l-obbligi tieghu versu martu anke jekk f'kaz estrem ta' seduta quddiem din il-Qorti, f'liema kaz allura filwaqt illi ma taghmilx differenza ghad-dikjarazzjoni ta' htija jista' jkun hemm kaz ta' temperament fil-piena. Kif qalet il-kawza Il-Pulizija vs Publius Said deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-hamsa u ghoxrin 25 ta' Settembru 2003, "L-iskop tal-legizlatur, meta ntroduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fin-1983 (bl-emmenda tan-1986), kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur ta' l-ordnijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordinijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolizament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ....."

U dak huwa propju li se taghmel din il-Qorti f'dan il-kaz, twissi lill-appellant, pero' illi jekk jidhirlu illi ghandu jhallas anqas minn dak patwit jew ordnat ghandu jagixxi immedjetament il-Qorti kompetenti sabiex timmodifika t-tali manteniment. Fin-nuqqas jibqa' responsabbli skont id-digriet originali u din il-Qorti mhijiex sejra tittollera agir bhal dan li jcahhad lil parti leza minn dak li huwa legalment dovut lilha u joqghod jistenna sakemm jigi quddiem il-Qorti ta' l-Appell u biex jehles minn piena ta' detenzjoni jhallas in extremnis. Ghal din id-darba l-Qorti sejra tilqa' dan l-appell, izda jekk l-appellant ikompli b'dan l-agir tahsibha darbtejn ghandiex tiehu dawn il-mizuri.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata, in kwantu tikkonferma fejn sabet lill-

appellant hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u tirriforma l-piena nflitta fejn flok piena ta’ gimgha detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provedimenti ta’ l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------